

## TQASSIM TAL-BAJD TAL-GĦID LIT-TFAL TAL-LOKALITA’

Nhar Ħadd il-Għid 17 ta’ April, il-Kunsill Lokali qassam bajd tal-Għid lit-tfal tal-lokalita’ wara l-purċissjoni ta’ Kristu Rxoxt.

## *DISTRIBUTION OF EASTER EGGS TO THE LOCALITY CHILDREN*

*On 17th April, Easter Sunday, the Local Council distributed Easter eggs to the locality children after the precession of the Risin Christ.*

## ATTIVITA FL-1 TA’ MEJJU

Ser tittella’ attivita’ bl-involviment tal-Community Police, żwiemel, karozzi, muturi u segways tal-Pulizija kif ukoll tal-Lesa. Ser ikun hemm demostrazzjoni ta’ First Aiders mill-Isptar Ġenerali ta’ Għawdex u mic-Civil Protection. Waqt din l-attivita ha jkun hemm ukoll *live entertainment* u ser titqassam tifkira lit-tfal li ser ikunu preżenti għall-attivita’. Din ser tkun attivita’ għall-familja kollha.




## *ACTIVITY 1ST OF MAY*

*An activity will be held with the involvement of the Community Police, horses, cars, motorcycles and police segways as well as Lesa. There will be a demonstration of First Aiders from the Gozo General Hospital and Civil Protection. The activity will also include live entertainment and a token will be distributed to all children present for the activity. This will be an activity for the whole family.*

### AVVIZ SKART GOFF

Importanti innutaw li meta iċċemplu għal ġbir ta’ skart goff, in-numru tal- affarijiet ma jkunx aktar minn ħames affarjiet. Oġġetti li ma jkunux miktuba ma jinġabrux.

### *NOTICE BULKY REFUSE*

*It is important to note that when calling for bulky waste collection, the number of items should not exceed five items. Items not listed will not be collected.*


**Ikkuntattjana / Contacts: L-Gharb Local Council**
**Indirizz postali / *Postal address*:** L-Gharb Local Council, Visitation Street, L-Gharb, Gozo GRB 1044
**Indirizz tal-emejl / *Email address*:** gharb.lc@gov.mt • **Websajt / *Website*:** www.gharbnet.com
**Cempel servizz 24h / *Telephone 24h service*:** 21560556 • **Facebook:** Gharb Local Council






**Vol. 11 – April 2022 – No 3** **Fuljett ta’ informazzjoni mahrug mill-Kunsill Lokali ta’ l-Gharb**

***Vol. 11 – April 2022 – No 3*** ***Information leaflet published by l-Gharb Local Council***


## TQASSIM TA’ MUTURI LIŻ-ŻGĦAŻAGĦ TAL-LOKALITA’

Il-Kunsill ikompli jinvesti u jintroduċi aktar vetturi elettriċi. Nhar l-Erbgħa 6 ta’ April, il-Kunsill Lokali qassam muturi elettriċi liż-żgħażagħ tal-lokalita’ għat-tielet darba. Iż-żgħażagħ li rregistraw kienu mistiedna ġewwa l-Kunsill lokali biex jingħataw il-muturi elettriċi.

## *DISTRIBUTION OF ECO BIKES FOR THE LOCALITY YOUTHS*

*L-Gharb Local Council continues with his investment to introduce more eco-bikes. On Wednesday 6th April, the Local Council distributed eco bikes to the locality youths for the third time. The youths who registered were invited at the Local Council to collect their eco bike.*



## IL-PAPA FRANGISKU FL-GĦARB

Nhar is-Sibt 2 ta’ April, ir-raħal tagħna tal-Għarb laqgħa lill-Papa Frangisku ġewwa s-Santwarju tal-Madonna ta’ Pinu. Prosit lil kulħadd tal-merħba sabiħa li ngħatatlu. Nitolbu għalih.

## *POPE FRANCIS IN GĦARB*

*On Saturday 2nd April, our locality of Għarb welcomed Pope Francis at the Ta’ Pinu National Shrine. Well done to all for the nice welcome given to the Pope. Pray for him.*




**BANNER TAL-PAPA FRANGISKU:** Kull min jixtieq jakkwista Banner tifkira taż-żjara tal-Papa Franġisku, huwa ġentilment mitlub iċempel il-Kunsill sat-30 ta’ April 2022

***BANNER POPE FRANCES:*** *Anyone wishing to acquire a Banner in memory of Pope Frances visit, is gently asked to call the Council till 30th April 2022*

## VIA CRUCIS GĦAL WAQT IL-ĠIMGĦA MQADDSA

Bħala preparazzjoni għall-Ġimgħa Mqaddsa l-Kunsill Lokali l-Għarb installa l-14 -il stazzjoni tal-Via Sagra fuq iz-zuntier tal-knisja. Din l-attivita' saret bl-għajnuna finanzjarja mill-Ministeru għal Għawdex u d-Direttorat tal-Wirt Kulturali. L-istampi kienu impittra mill-abbatini tal-lokalita' li saru taħt id-direzzjoni tas-Sur Michael Bajada. Grazzi lill-Arċipriet, l-abbatini u lis-Sur Michael Bajada tal-koperazzjoni biex setgħet issir din l-inizzjattiva.

B'adizzjoni ma' din l-inizzjattiva, l-Kunsill stampa ktejjeb tal-via sagra bl-istampi li pittru l-abbatini stess u ngħataw diversi kopji lill-parroċċa.

## *VIA CRUCIS FOR THE HOLY WEEK*

*As part of the preparations for the holy week, l-Għarb Local Council installed 14 paintings representing the way to the cross on the church parvis. This initiative was funded by the Ministry for Gozo and the Cultural Heritage Directorate. The pictures were painted by the Għarb Parish altar boys under the direction of Mr. Michael Bajada. Thanks to Archpriest, altar boys and Mr. Michael Bajada for their cooperation so this initiative could be held.*

*In addition to this initiative the Council published a booklet with the via Crucis that included the pictures the altar boys painted and copies were given to the parish.*










## KUNĊERT – LIGNUM VITAE MILL-GĦAQDA MUŻIKALI VIŻITAZZJONI

L-Għaqda Mużikali Viżitazzjoni bl-għajnuna finanzjarja tal-Ministeru għal Għawdex u d-Direttorat tal-Wirt Kulturali tellgħu kunċert ta' mużika sagra ġewwa l-Knisja Bażilika tal-Għarb. Prosit lill-bandisti u lill-membri tal-għaqda.

## *LIGNUM VITAE CONCERT BY GĦAQDA MUŻIKALI VIŻITAZZJONI*

*The Għaqda Mużikali Viżitazzjoni organised a sacred music concert with the financial assistance of the Ministry for Gozo and the Cultural Heritage Directorate. This concert was held at Għarb Parish Church. Well done to all members of the band club.*

## TINDIF FIL-LOKALITA' TAL-GĦARB

Il-Kunsill Lokali jixtieq joħloq grupp biex isir tindif f'siti fil-kampanja tal-Għarb. Għaldaqstant qed jistieden lil dawk ir-residenti nteressati li jingħaqdu f'dan il-grupp biex jirreġistraw il-Kunsill Lokali permezz ta' email fuq gharb.lc@gov.mt jew bit-telefon 21560556.

## *CLEAN UP IN OUR LOCALITY*

*L-Għarb Local Council is setting up a cleaning group to carry out cleaning campaigns around the locality's countryside areas. Any residents interested in joining this group are kindly invited to register either by email on gharb.lc@gov.mt or by phone on 21560556.*

## INVESTMENT FIL-QASAM TAL-ISPORTS

Il-Kunsill ħa l-inizjattiva biex jiġu sostitwiti d-dwal tal-ground fi Triq Tumas Cassar għall-floodlights LED sabiex jitnaqqas it-tniġġis u l-konsum. Aktar investiment biex nipproteġu l-ambjent tagħna, għalhekk aktar modernizzar tal-faċilitajiet sportivi u aktar titjib għall-ħajja aħjar għalina lkoll.

## *INVESTMENT IN THE SPORTS SECTION*

*The Council took the initiative to invest more in the sports section. The football ground lights were replaced by LED floodlights in order to reduce pollution and consumption. This investment will protect our environment which means modernizing sports facilities and further improving the lives of all of us.*





## INFIORATA TAL-MELĦ MILL-ESPRESSJONARTI GĦARB

Nhar Ħadd il-Palm, 10 ta' April il-Grupp EspressjonArti Għarb kreja infiorata tal-melħ fuq disinn tas-Sur Michael Bajada bit-tema tal-Għid ġewwa Pjazza taż-Żjara tal-Madonna. Intramat tinda fuq din l-Infiorata sabiex tiġi protetta mill-elementi tat-temp, sservi aktar u tkun tista' tiġi ammirata minn bosta. Grazzi lill-Grupp tax-xogħol siewi li għamel.

## *SALT INFIORATA BY ESPRESSJONARTI GĦARB*

*On Palm Sunday, 10th April the group EspressjonArti Għarb created a salt infiorata on a design by Mr. Michael Bajada with an Easter theme. This infiorata held at Pjazza taż-Żjara tal-Madonna was covered with a dome tent so that it can be protected by the weather elements, remain intact for longer and could be admired by many. Well done to the group for their impressive works.*

